MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 138/2010

Il Qorti,

Rat illi, permess ta’ avvizipprezentat fit 28 ta’ April 2008, il- Bank rikorrenti talab lill-Qorti sabiex tordna biex l-intimat Keith Grech ihallas is-somma ta’ sebat elef, mija u erbgha u sebghin Euro u sebgha u tletin centezmu, bilanc ghad-debitu ta’ Loan Account tieghu mal-Bank of Valletta plc flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta’ Marzu 2010 sad-data tal- pagament effettiv.

Rat illi, skond l-istess socjeta rikorrenti, sehhew grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata tas-17 ta’ Jannar 2006, partikolarment illi l-intimat naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta attrici kif stipulat fl-imsemmi skrittura kif ukoll kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assuti u, fl-ahhar nett, illi kien hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut illi ipperikolaw jew affettwaw hazin il possibbilta’ tal hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici u b’hekk il konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intjier tieghu f’daqqa.

Rat illi s-socjeta attrici talbet ukoll illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma kif fuq spjegata bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Awissu 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment mal-att promotorju,

Rat illi l-konvenut ma giex notifikat u, permezz ta' digriet tat- 22 ta' Lulju 2010, wara illi ordnat il-hrug tas-soliti bandi ghall kuraturi, innominat lill-Dr Renzo Porsella Flores bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Keith Grech,

Rat ir-risposta tal kuratur deputat datata 1 ta' Frar 2011 fejn huwa gharraf lill Qorti li ma kien jaf xejn bil-fatti tal-kas u irriserva d-dritt illi jwiegeb aktar il-quddiem kif jinghadda kull tgharif dwar l-assenti mis-socjeta rikorrenti;

Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti Rose Cortis tikkonferma bil-gurament fis-seduta ta' l-20 ta' Gunju 2011 illi mid-data tal-prezentata ta' l-avviz ta' dakinhar illi inghatat ix-xhieda taghha, ma sar ebda pagament.

Rat illi kemm il-konsulent legali tas-socjeta rikorrenti kif ukoll il-Kuratur Deputat iddikjaraw ili ma kienx fadallhom aktar provi u il-kawza setghet tithalla ghas-sentenza.

**Decide**

Il-Qorti, ghalhekk, wara illi rat il-provi kollha migjuba quddiemha u semghet ix-xhieda, tiddeciedi billi

**Tiddikjara** illi l-konvenut Keith Gech kisser il-kundizzjonijiet lilu moghtija mill-Bank u ghalhekk iddekada mill-beneficcju tat-terminu u d-debitu meritu tal-kawza odjerna huwa dovut fl-intjier tieghu, u ghalhekk

Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas is-somma indikata fl-avviz mis-socjeta rikorrenti, bl-imghax mis-26 ta' Marzu 2010 sad-data tal pagament effetiv, flimkien mal-ispejjez kollha kif mitluba fl-att promotorju.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------